MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tas-16 ta' Frar, 2015

Numru. 1148/2014

**Il-Pulizija**

**[Spettur Carlos Cordina]**

**vs**

**Donna Delia**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Donna Delia detentrici tal-karta tal-identita` numru 230385(M).

Akkuzata talli fix-xahar ta’ Settembru 2014 gewwa stabiliment bl-isem “Country Style” gewwa Birzebbugia:

1. Fl-istess data, lok u hin mhux maghruf u cirkostanzi, laqghet ghandha, jew xtrat hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat jew b’kull mod li tkun indahlet biex tbieghhom jew tmexxihom (apparat eletroniku cioe` Samsung Galaxy) u li sar ghad-detriment ta’ Kerry Throney Craft ta’ Nazzjonalita’ Ngliza u/jew persuni ohra.

Rat id-dokumenti pprezentati inkluz il-Kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja;

Rat l-artikoli indikati; u cioe` l-Artikolu 334 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Stante ammissjoni mill-imputata u l-konferma ta’ tali ammissjoni wara li nghatat z-zmien opportun sabiex tkun tista’ tirregola ruhha, qed issib lill-imputata Donna Delia hatja tal-akkuzi kif dedotti kontriha u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta qeghda tilliberaha bil-kundizzjoni li ma tikkommettix reat iehor fi zmien sentejn (2) millum.

Finalment spjegat fi kliem semplici lill-imputata, ir-riperkussjonijiet jekk tali ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------